**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 636/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**vs**
**MM**

**Illum 15 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

MM u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 518796M

Billi akkuzata talli nhar il-25 t'Ottubru, 2014 gewwa l-istabiliment bl-isem ta' Havana li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan;

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwra il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

2. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ikkommettiet serq ta' zewg mobile phones it-tnejn ta' ditta Samsung u BOV Visa Electron ghad-detriment ta' Rachael Cutajar u Sandra Maris Mallia liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u valur li ma jaqbizx 2329.37 euros;

4. Xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Ikkommettiet dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 19 ta' Jannar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', kunsens tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwear il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputata, fedina penali, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok NS1, stqarrija mmarkata bhala Dok NS2, current incident report immarkat bhala Dok NS3, zewg ircevuti mmarkati bhala Dok NS4 u Dok NS5, current incident report immarkat bhala Dok LM1, current incident report immarkat bhala Dok NS6, rapport tas-surgent 659 Jeffrey Hughes immarkat bhala Dok JH1, rapport tax-xjenzat Godwin Scerri mmarkat bhala Dok GS1, current incident report immarkat bhala Dok SS1.

L-Ispettur Nikolai Sant jghid illi l-Pulizija ta' San Giljan gew imsejha sabiex jassistu lill-bouncers gewwa l-istabbiliment Havana stante li kienu qabdu persuna li kellha affarijiet li mhux taghha fil-handbag taghha. Telghet WPC 291 flimkien ma xi ufficjali tal-RIU fejn sabu lil certu MM li fil-handbag taghha kellha xi mobile phones ta' nies ohra flimkien ma tlettax-il pakkett b'sustanza bajda. Dawn il-pakketti nghaddew lil PS 659 Jeffrey Hughes sabiex jaghmel l-analizi fuq il-pakketti ghal xi fingerprints u tracci ohrajn. Peress li MM ghad ghandha sbatax-il sena, l-Ispettur Sant cempel lin-nanniet taghha stante li ghandhom il-kura u l-kustodja taghha u rrilaxxjat stqarrija.

WPS 304 Lorna Mifsud tixhed illi kienet hi li hadet ir-rapport u kienet hi li ghamlet strip search fuq MM fejn instabet sustanza possibilment droga u tlett mobile phones.

WPC 291 Amanda Azzopardi tghid illi kienet xoghol gewwa Paceville meta xi bouncers li jahdmu gewwa l-Havana nfurmawha li kienu qed izommu tfajla stante li gol-handbag taghha kellha affarijiet li ma kienux taghha. Meta WPC 291 marret fejn il-Havana biex tara din it-tfajla x'kellha fil-handbag taghha, sabet tlett mobiles u bocca speci ta' ballun. WPC 291 Amanda Azzopardi skortata l-ghassa ta' San Giljan u

cemplet lil nannitha stante li nannitha ghandha l-kura u l-kustodja taghha u stante li MM ghad ghandha sbatax-il sena. Gewwa l-Ghassa WPC 291 fil-prezenza ta' WPS 304 fethu dan il-ballun fejn sabu boroz zghar b'sustanza possibilment droga.

Sandy Mallia tghid li meta kienet gewwa l-istabbiliment Havana, insterqilha l-mobile Samsung Galaxy Young. Missierha qam filghodu kmieni ghal kacca u cempel lil Sandy Mallia izda minflok wiegbet it-tifla, wiegbu l-pulizija li nfurmawh li l-mobile ta' Sandy Mallia kien gie misruq. Sandy Mallia nizlet il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u ffirmat ircevuta biex rega' gie rritornat lilha l-mobile li kien gie misruq.

PC 243 Clayton Frendo jghid li kien gie nfurmat mill-Ghassa ta' San Giljan sabiex jassistihom stante li kienu qed izommu lil MM li fil-handbag taghha nstabu pakketti zghar b'sustanza suspettata droga. PC 243 gabar il-handbag bil-kontenut kollu tieghu u ghadda kollox lill-Ispettur Nikolai Sant.

PS 659 Jeffrey Hughes jghid li biex jezamina l-boroz tal-plastik ghal impronti digitali, kellu jissepara s-sustanza mill-boroz. Mill-ezami li ghamel fuq il-boroz tal-plastik, ma seta gie nnotat l-ebda impronta.

Ix-xjenzat Godwin Sammut ghamel l-ezami fuq is-sustanza liema sustanza rrizulta li kienet kokaina izda peress li s-sustanza kienet ftit imxarba, ma setax jiehu l-piz u l-purita' taghha.

WPC 298 Stephanie Spiteri tikkonferma li hadet ir-rapport ta' Sandy Mallia fejn irraportat li kien insterqilha l-mobile. Sandy Mallia spjegatilha li sakemm kienet gewwa l-istabbiliment Havana, insterqilha l-handbag li kien fih mobile, sigaretti u pocket tal-makeup, izda mal-hin sabet il-handbag taghha li kien fih biss il-pocket tal-makeup u kien ghalhekk li ghamlet rapport. Sussegwentement kienu cemplulha l-pulizija sabiex jinfurmawha li l-mobile taghha kien instab.

WPC 44 Graziella Farrugia tikkonferma li matul l-istqarrija ta' MM, hija kienet xhud tal-istqarrija u tikkonferma li qabel ma ttiehdet l-istqarrija, MM inghatat it-twissija.

PS 1500 Alfred Cutajar jghid li hu flimkien ma PS 518 u PC 243 kien skorta lil MM mill-Ghassa ta' San Giljan ghal Kwartieri Generali tal-Pulizija stante li WPC 291 kienet sabitilha boroz zghar tal-plastik li kien fihom sustanza suspettuza. Inoltre jghid, li MM inghatat id-drittijiet taghha u cioe l-caution tal-arrest, id-dritt tal-Avukat kif ukoll li setghet tinfurma lil nannitha sabiex tassistiha stante li kienet minorenni. Kif hadu lil MM gewwa l-lock up, infurma lill-Ispettur Nikolai Sant. PS 1500 Alfred Cutajar kien prezenti ghad-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali flimkien mal-Ispettur Nikolai Sant, MM, PC 243 Clayton Frendo u n-nanna ta' MM.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-fatti jirrizulta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-imputata effettivament kellha fil-pussess taghha id-droga kokajina, zewg mobile phones li ma kienux taghha u li dawn ta' l-ahhar fl-istess gurnata kienu rappurtati misruqa kemm mix-xhud Sandy Mallia kif xehdet a fol 40 et seq. Hi tghid li ftit wara li ma sabitx il-mobile taghha precizament sighat wara, irrispondew l-istess pulizija mill-mobile taghha hin wara li sabu l-istess mobile fit-tfixxija li ghamlu l-istess pulizija fuq il-persuna ta' l-imputata. Rigward il-mobile l-iehor, jirrizulta li kien misruq ukoll u li kien fil-pussess ta' l-imputata u dan kif johrog mir-rapport a fol 84 u 85 tal-process li sar fl-istess gurnata tal-25 ta' Ottubru 2014 minn Sandy Maris Mallia li wara li rrapurtat fl-Ghassa ta' Hal-Qormi dwar l-istess serq ta' mobile taghha li kien go handbag ma xi oggetti ohra, giet infurmata mill-istess pulizija tad-drug squad li l-mobile taghha kien misjub fost it-tnejn li kienu fil-pussess ta' l-imputata.

Illi skond l-imputata fl-istqarrija taghha a fol 18 tal-process, l-uniku verzjoni li tat biex tiggustifika dak li gie misjub fil-basket taghha kien hekk, *"Jien kont qeghda Havana ma' habiba tieghi Aislinn Baldacchino u sekonda kugina tieghi li jisimha Nicole Dark. Ghandi nghid li jien kelli basket abjad u hallejtu hdejn il-habiba tieghi Aislinn sakemm mort nixtri drink. Jien mort lura hdejn Aislinn u ma rajtx il-handbag hemmhekk. Umbaghad mort fit-toilets tan-nisa' u saqsejt lil wahda mara li tkun hemm*

*jekk sabux xi handbag. Din wegbitni li ma kienux sabu handbags u fil-pront tidhol tfajla bil-handbag f'idejha. Fuq dawk il-pakketti ma nafx x'inhuma u m'humiex tieghi."*

Din il-verzjoni li tat fl-istqarrija taghha l-imputata, hija certament mhux kredibbli fid-dawl ta' dak li jirrakkuntaw il-pulizija proprju fl-istess hin meta gew infurmati mill-istess bouncers tal-Havana li kienu dawn ta' l-ahhar li sabu l-oggetti fil-basket ta' l-imputata u r-rakkont, ta' l-istess pulizija mill-persuni prezenti fil-Havana, u dan a fol 22 u 23 tal-process.

Illi peress li l-espert forensiku Godwin Sammut fir-relazzjoni tieghu u in partikolari a fol 73 tal-process jirrizultalu illi s-sustanza hija pozittiva bhala prezenza tad-droga kokaina, min-naha l-ohra ma setax jasal ghal piz u l-purita' ta' l-istess droga, *"minhabba li s-sustanza kienet ftit imxarrba u ma setax jittiehed il-piz u lanqas il-purita',"* ghalhekk il-Qorti f'nuqqas ta' prova bhal din zgur li ma tistax issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel (1) akkuza u cioe' dik tal-pussess aggravat, imma ssibha hatja tat-tieni (2) akkuza ta' pussess ta' droga kokaina.

Illi peress li mill-provi ma jirrizultax il-valur ta' l-oggetti misruqa misjuba fil-pussess ta' l-imputata l-Qorti ghalhekk peress li dawn iz-zewg mobiles certament li kellhom valur ta' l-inqas minimu, sejra ssib htija ghar-rigward l-imputazzjoni numru erbgha (4) izda mhux it-tielet (3) imputazzjoni stante li prova li l-imputata serqet il-mobiles in kwistjoni ma hemmx.

Il-Qorti wara li rat il-fedina penali netta ta' l-istess imputata u l-eta' tenera ta' sbatax (17)-il sena meta sehhu dawn ir-reati ma tarax li l-imputata ghandha tinghata piena ta' habs effettiv. Il-Qorti temmen li l-imputata ghadha fiz-zmien sabiex tuza' din is-sentenza sabiex titghallem u tirriforma ruhha u sabiex tibda miexja fit-triq it-tajba.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 267, 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-

ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberaha minnhom, ssibha hatja tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni, tapplika fil-konfront taghha l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqieghed lill-hatja taht ordni ta' *probation* taht l-imsemmi artikolu ghal perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-istess MM titqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficcjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti intergrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-MM bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation*, u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza u cioe' l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq isemmi.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole* sabiex jassenja Ufficjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' MM.

**Il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga, li tinsab ezebita f'evidence bag bin-numru S00166480 u mmarkat bhala Dok NS6 ezebit fis-seduta datata 19 ta' Jannar 2017, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**Peress li dwar il-flus li nstabu fil-pussess tal-hatja ma jirrizultax li ghandhom provenjenza illecita tordna li dawn il-flus ezebiti f'evidence bag bin-numru S00166480 u mmarkat bhala Dok NS6 ezebit fis-seduta datata 19 ta' Jannar 2017 ghandhom jigu rilaxxjati favur il-hatja MM.**

**Finalment il-Qorti <u>d-divjet tal-publikazzjoni ta' l-isem</u> ta' l-imputata fis-sens illi dan m'ghandu jixxandar imkien u lanqas fuq il-*website* tal-*Justice Services*, u dan peress li meta graw ir-reati hawn fuq imsemmija l-imputata kienet ghadha minorenni.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**